NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 - IT-TLIETA 28 TA' OTTUBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-8:15pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier (waslet fit-8:25pm) |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE informa li s-Sindku kienet infurmatu li se tasal tard.

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel. Dawn ġew meqjusa moqrija.

1.2. Wara konsiderazzjoni il-Minuti kienu approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

1.3. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-suġġett numru 2 fuq l-aġenda jkun diskuss meta tasal is-Sindku.

**2. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET U RENDIKONT TAD-DĦUL GĦAL SETTEMBRU**

2.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti u lista' ta' dħul li kienet approvata (annessa f'A).

2.2. Is-SE ippreżenta wkoll il-lista ta' ordnijiet li saru matul ix-xahar ta' Settembru li kienet approvata wkoll (annessa f'B).

2.3. Is-SE talab li jiċċara li, fir-rigward tax-xogħol tal-balavostri fi Triq Santa Marija, ix-xogħol kien tlesta b'mod sodisfaċenti ħafna u fi żmien qasir. Huwa semma wkoll li kellu jawtorizza xogħol addizzjonali żgħir li jikkonsisti f'żewġ filati addizzjonali minħabba li kien hemm ilment mir-resident ta' maġenb fejn tpoġġew il-balavostri li

kien se jidħol f'risku li xi ħadd jaqbeż għandu. L-ilment u x-xogħol addizzjonali kien ġustifikat.

2.4. Il-Kunsillier Brincat informa li l-bozoz madwar il-bust ta' Kalċidon Agius kienu maqtuha. Is-SE kien mistoqsi ta' min kienet ir-responsabbiltà fejn huwa wieġeb li dawk ma kinux saru mill-Kunsill iżda l-Kunsill kien qabel li jqabbad mal-elettriku tal-bandli. Il-Kunsill qabel li, jekk l-ispiża ma taqbiżx il-€100, għandu jipproċedi bix-xogħol.

2.5. Il-Kunsillier Miceli staqsiet dwar l-ispejjeż tal-iffilmjar li l-Kunsill kien qiegħed ikollu speċjalment minħabba li l-kontijiet tal-iffilmjar tal-ġemellaġġ dehru li ġew għoljin wisq. Is-SE spjega li kien vera li l-kont kollu jista' jidher ħafna iżda wieħed irid jiftakar l-involviment tal-*cameraman* li kien qiegħed hemm kull ġurnata tal-ġemellaġġ. Meta l-Kunsill qies is-siegħat involuti ħareġ ċar li r-rata hija infatti raġonevoli ħafna.

2.6. Il-Kunsillier Sammut staqsa jekk kienx sar il-ħlas tal-ispejjeż għall-ħsara lit-tinda tal-i*scouts* fl-attività L-Istorja Tmexxi s-Sengħa. Is-SE informa li, sa fejn jaf hu, għalkemm kien infurmat bl-ispejjeż involuti, li sa fejn kien jiftakar kienu jammontaw għal madwar €250, ma jiftakarx li kien irċieva l-kont uffiċċjali. Il-Kunsill qabel li jekk il-kont ikun sa €250, is-SE għandu jipproċedi bil-ħlas iżda dan isir jekk ikun hemm il-kont uffiċjali.

2.7. F'dan il-ħin tqajjem il-kont pendenti tal-Kavallier Security Services għall-għassa għal dak inhar tal-attività. Is-SE informa li huwa ma kienx qiegħed iressaq il-pagament għall-approvazzjoni għalkemm ikkonferma li l-kont kien għadu pendenti. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li dan il-kont jitħallas iżda tinhemeż ittra fejn tgħid li l-Kunsill huwa disappuntat bis-servizz.

2.8. Is-SE informa li kienet saret talba mingħand GM Productions biex il-Kunsill iħallas €66 għal rigal talli persuna min-Naxxar se tikkompeti f'Miss Malta. Il-Kunsill qies li, la darba din il-persuna għadha biss daħlet biex tikkompeti u s'issa ma rebħet l-ebda unuri, għotja ta' dan it-tip hija meqjusa donazzjoni u għalhekk tmur kontra l-liġi tal-Kunsilli Lokali.

## 3. RAKKOMANDAZZJONIJIET MILL-AWDITURI GĦAL SISTEMA KOMPJUTERIZZATA TAL-PERMESSI U TAL-PAYROLL

3.1. Is-SE fakkar li fl-ittra ta' direzzjoni mill-awdituri (il-*management letter*) l-awdituri kienu rrakkomandaw lill-Kunsill li jinvesti f'sistema kompjuterizzata tal-permessi kif ukoll tal-payroll (rif. 2.2, 2.3 u 3.1 tal-ittra ta' direzzjoni). Fakkar ukoll li fir-risposta l-Kunsill kien wiegħed li se jikkunsidra din ir-rakkomandazzjoni.

3.2. Il-Viċi-Sindku informa li l-Kumitat Konġunt kien addotta sistema li tista' tinteressa lill-Kunsill. Din hija sistema ta' *punch clock* li tieħu l-qari bis-sebgħa u li magħha jkollha inkoporata sistema ta' *payroll*. Il-Kunsillier Gatt wissa fl-importanza li dak li jsir ma jkunx qed idaħħal fl-imħuħ tal-impjegati li din saret biex ikun hemm kontrolli fuq il-ħinijiet. Il-Viċi-Sindku wieġeb li din issir biex tiffaċilita x-xogħol filwaqt li tista' tkun ikkontrollata għal aktar flessibiltà mal-ħaddiema. Il-Kunsill qabel li jindaga dwarha u dwar sistemi oħrajn.

3.3. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-8:15pm.

3.4. Dwar is-sistemi għall-permessi, wara diskussjoni, il-Kunsill qabel ukoll li nindagaw x'hawn fis-suq.

3.5. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami. Il-ħin kien it-8:25pm.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

4.1. Is-Sindku infurmat li dwar il-każ ma' TM kienet saret laqgħa il-Ħamis ta' qabel. F'din il-laqgħa kien magħruf li TM issa kienet neħħiet id-direttiva li ma tikkomunikax mal-Kunsilli jekk ikun hemm kontijiet pendenti. Dwar il-kont innifsu l-Kunsill kien mitlub li jibgħat il-ġustifikazzjoni tiegħu għax-xogħol li kien sar bla permess.

4.2. Is-Sindku infurmat li kien hemm artiklu riċenti fuq il-ġurnali fejn jgħid li s-*seawage sludge* se jibda jintrema fl-Għallis. Saret mistoqsija dwar dan lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċju tal-Ministeru tar-Riżorsi fejn wieġeb li dak li kien se jintrema huwa l-aħħar ħaġa li ma tkunx tista' tiġi trattata. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut semma wkoll il-każ tal-*cable* minn Sqallija li se jgħaddi mill-Mgħatab. Il-Kunsill qabel li jagħmel oġġezzjoni formali minħabba li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat fuq il-biċċa tad-drenaġġ u dan minkejja li saret anki konsultazzjoni pubblika fin-Naxxar.

4.3. Is-SE qara l-email li bagħtet is-Sinj. Speranza Xuereb fejn irrakkomandat lill-Kunsill biex jippjana ħalli fil-futur jara kif jakkwista t-Torri tal-Kaptan u jibdlu f'ċentru kulturali. Is-Sindku wegħdet li se tkellem lir-residenta li tgħix fih.

4.4. Is-SE informa li kellu mistoqsija minn Green MT jekk il-Kunsill hux interessat f'aktar *Bring-in sites*. Il-Kunsill però ma' qabilx li għalissa jżidhom.

4.5. Il-Kunsillier Galea staqsa dwar Ġieħ in-Naxxar fejn is-SE wieġeb li inbeda l-proċess skont id-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.6. Is-Sindku semmiet fil-problemi li qed ikun hemm bit-traffiku jistenna li joħroġ minn Vjal il-21 ta' Settembru għal Triq tal-Labour u għalhekk ipproponiet li l-Kunsill jipprovdi gwardjan biex imexxi t-traffiku minn kmieni filgħodu. Is-SE informa li kellu diskursata fuq it-telefon mal-Assistent Kummissarju Ray Zammit fejn talbu l-assistenza ta' Pulizija tat-traffiku. Is-Sur Zammit wiegħed li se jipprova jgħin mill-aħjar li jista'. Il-Viċi-Sindku sostna li jippreferi li dan ix-xogħol isir mill-Pulizija li bħalissa qed ikunu fejn l-iskola u minflok dan ix-xogħol isir mill-gwardjani. Kien hemm qbil li, jekk ma jiġux il-pulizija tat-traffiku jkunu ordnati gwardjani li jibdew is-servizz mis-7:15am.

4.7. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa li kienet saret ma' uffiċjali mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq dwar toroq li għadhom mingħajr isem. Dawn il-minuti kienu intbagħatu qabel. Is-SE semma li qed iressaqhom biex eventwalment il-Kunsill jibda jaħseb dwar ismijiet ġodda. Madanakollu l-Kunsill qabel li jsib ismijiet mill-ewwel u għalhekk iddeċieda fuq dawn li ġejjin: **Triq Ġdida fi Triq San Mark** tissemma **Triq San Mattew**, **Triq Ġdida fi Triq San Pawl** tissemma **Triq in-Nawfraġju**, **Triq Ġdida fi Triq il-Ġiżwiti** tissemma **Triq San Injazju ta' Loyola**, **Triq Ġdida fi Triq Santa Marija** (wara s-Santwarju tal-Ħniena Divina) tissemma **Triq Santa Faustina** minħabba l-konnessjoni mal-Ħniena Divina u **Triq Ġdida fi Triq it-Tuffieħ** tissemma **Triq it-Tin**. Il-Kunsill qabel ukoll li l-parti tat-triq minn ħdejn il-*Country Corner* sal mekkanik, u li bħalissa hija uffiċjalment **Triq Santa Marija**, tkun estiża ma' **Triq il-Kappella tax-Xagħra** biex tieħu isem wieħed.

4.8. Is-SE informa li dak inhar filgħodu kien irċieva l-istima ta' €68,000 mingħand il-Perit għax-xogħol propost fid-daħla tad-Dar Sagra Familja (*Holy Family Home*) bħala inizjattiva għall-*Public Private Partnership* bejn il-Kunsill u din id-Dar. Fuq oġġezzjonijiet mill-Kunsillier Brincat is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien diġà approva li jidħol għal dan il-ftehim filwaqt li l-istima hija biss stima u effettivament il-Kunsill ikollu jagħmel sejħa għall-offerti. Kienet esebita wkoll komunikazzjoni li għaddiet mad-Dar biex juri l-benefiċċju għar-residenti anzjani Naxxarin. Meta ssemmiet il-manutenzjoni

tal-post is-Sindku wieġbet li dan għandu jkun f'idejhom filwaqt li hi qed tipproponi li l-ftehim għandu jkun għal għaxar snin u mhux kif ipproponew huma għal ħamsa. Minħabba aktar oġġezzjonijiet is-Sindku talbet vot iżda l-Kunsillier Brincat insista li dan ma jistax isir għaliex ħadd ma kien jaf b'din l-ispiża. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jiddiskuti f'laqgħa futura.

## 5. IL-WEBSITE TAL-KUNSILL

5.1. Il-Viċi-Sindku informa li l-proċess għall-bini mill-ġdid tal-*website* beda.

5.2. Is-SE ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li, għalkemm permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill fis-27 ta' April 2010 (para. 4.14 tal-minuti numru 16) il-Kunsill kien għażel l-irħas offerta, kien jeħtieġ li jiġi rreġistrat sewwa fil-minuti min kien l-offerent magħżul u infatti l-Kunsill qabel li l-offerent magħżul ikun eDinamix għall-prezz ta' €2,710 li kien l-irħas wieħed minn fost sitt offerenti. Skeda tal-offerti hija annessa f'Ċ

5.3. Il-Viċi-Sindku kompla jispjega dwar ix-xogħol li beda jsir filwaqt fakkar lill-Kunsillier fir-*resumè* li ġew mitluba jissottomettu. Is-SE esebixxa x-xogħol li sar s'issa.

5.4. F'dan il-ħin issemmew l-irċevuti awtomatiċi għall-*emails* minħabba li kien hemm xi kritika li saret għal dan. Is-SE spjega li permezz ta' dawn l-irċevuti, min jibgħat l-*email* qiegħed ikollu konferma li l-*email* tkun waslet. Il-Kunsill qabel li jkomplu jinħarġu.

## 6. RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI

6.1. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel fuq il-karigi l-ġodda lil kull Kunsillier kif inhuma annessi f'D.

6.2. Il-Kunsill qabel li mhux se jassenja karigi fuq żoni.

## 7. IL-FTUĦ TAL-OFFERTI

7.1. Is-SE fakkar li nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru għandhom jinfetħu l-għaxar offerti fuq diversi kuntratti u servizzi. Huwa għalhekk meħtieġ li jkollu miegħu żewġ Kunsillieri.

7.2. Kien hemm qbil li ż-żewġ Kunsillieri jkunu Pierre Sciberras (Viċi-Sindku) u Anne Marie Muscat Fenech Adami.

7.3. Is-SE fakkar li kulħadd jista' jattendi għall-ftuħ għax tkun pubblika.

## 8. IR-RAĦAL FIL-MILIED

8.1. Il-minuti tal-laqgħa li saret is-Sibt 16 ta' Ottubru kienu approvati. Dawn huma annessi f'E.

8.2. Kien hemm qbil u/jew ġew mitħaddta dawn li ġejjin:

8.3. Parteċipazzjoni mit-34U f'idejn is-Sinj. Muscat Fenech Adami.

8.4. Il-Kunsillier Bonello se jikkuntattja lil Impact Ltd dwar reklamar.

8.5. Il-Kunsillier Galea semma li Maypole kien qed jaqta' qalbu li jipprovdi d-dar tal-ħobż minħabba l-maltemp.

8.6. Il-Kunsillier Brincat kellem lill-*buskers* tal-Belt u hemm interess li jiġu.

8.7. Il-Kunsillier Bonello semma li Ta' Marku jixtiequ jarmaw bl-inbid fl-isqaq.

8.8. Il-Kunsillier Galea informa li kellmu Clint Xuereb fejn esprima li jixtieq jarma quddiem Yorkdale biex isir ġbir ta' fondi għall-SPCA.

8.9. Is-Sindku fakkret li għal *stalls* għall-bejgħ kien se jintalab €100 għal kull 3m kwadri.

8.10. Il-Viċi-Sindku informa li kien ikkomunika mal-kumpaniji tal-komunikazzjoni kollha dwar *sponsorship*. Bħala PING aktarx li kien se jikkonkludi l-ġimgħa ta' wara. Il-kumpanija Edlens tal-Iklin kienet lesta li tgħin. Huwa semma wkoll li kien ġie avviċinat minn *Bingo Club* li lest li jirriklama iżda xtaq il-konferma mingħand il-Kunsill minħabba l-ġeneru tan-negozju. Il-Kunsill unanimament qabel li, la darba dan il-ġeneru ta' negozju jirriklama anki fuq il-ġurnali allura jista' jirriklama wkoll fuq materjal tal-Kunsill.

8.11. Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat mill-kumpanija Media Trendz Communications li lesta li toffri tliet *billboards* kompluti bl-istampar b'xejn fi tliet lokazzjonijiet prominenti jekk il-Kunsill ikun interessat li jissieħeb f'inizjattiva ta' reklamar ta' din il-kumpanija. Il-Kunsill wera interess kbir f'din l-inizjattiva.

8.12. Il-Kunsillier Galea informa li dwar il-kunċert kien tkellem mas-surmast iżda kien jidher li huma kellhom data oħra għal dan.

8.13. Il-Kunsillier Gatt fakkar li minħabba t-temp hemm riskju u għalhekk ippropona li tkun stabbilita data oħra bħala prekawzjoni bil-quddiem. Kien hemm qbil li jekk fit-12 ta' Diċembru jkun il-maltemp li jkollha titħassar l-attività ssir l-għada.

8.14. Is-SE semma li l-Kunsill irid jaħseb għal eventwalità oħra li hija l-każ li l-Kunsill ma jakwistax fondi mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm din l-eventwalità jipproċedi bl-attività xorta waħda.

8.15. Is-Sindku infurmat li GS Supermarket kien offra €100 u tmien *animators* bejn it-3:30 u t-8:00pm. Aktarx li kienet se ġġib ukoll *sponsor* mingħand Supercar.

8.16. Is-Sindku tkellmet ukoll fuq id-dawl tal-Milied u l-Kunsill qabel li jordnahom miċ-Ċina.

8.17. Is-Sindku semmiet l-ispazji għall-i*stalls* filwaqt li s-SE esebixxa l-ħsibijiet tiegħu fuq pjanta li kienu approvati. Dwar il-ħlasijiet għall-imwejjed kien hemm qbil li l-prezz ikun dak normali kif stabbilit bil-liġi.

8.18. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami se tirrinaġa ma' ITS.

8.19. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet mal-kantanta Priscilla Psaila. Il-Kunsillier Galea saħaq fuq l-importanza li ċertu affarijiet ikun infurmat bihom ħalli jkun hemm kordinazzjoni aħjar.

8.20. Il-Kunsillier Galea informa li kellem lil Ino Bonello dwar il-presepju tal-Milied iżda fil-preżent kellu impenji b'madwar tliet films li qed jinġibdu Malta.

8.21. Il-Kunsillier Sammut fakkar li fir-rigward ta' *props* minn Popeye Village dawn jinkrew bi ħlas u huwa prattikament impossibbli li wieħed jiddetermina kemm se tkun l-ispiża minn qabel. Huwa kompla saħaq ma xtaqx li din is-sena jimpenja ruħu biss fuq il-Presepju u ma jgawdi xejn mill-attività.

8.22. Is-SE informa li kellu laqgħa ma' persuna li jipprovdu l-logħob tat-tfal u li għandhom biżżejjed biex jieħdu ż-żona kollha. Il-Kunsill qabel li l-ħlas minimu għandu jkun ta' €2.33 kull metru kwadru kif inhuma l-permess tat-tpoġġija ta' materjal u naraw min joffri l-aktar fuq dan il-prezz.

## 9. RAPPORT MIĊ-CHAIRPERSON TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

9.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li, wara li kienet saret l-applikazzjoni għall-proġetti speċjali għall-komunitajiet, BIĊ rebaħ is-somma ta' €20,000 biex jagħmel xogħol ta' kisi ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, parti minn Triq l-Iskall u żona fi Triq is-Sikka (parti mill-proġett tal-Pjazza.

9.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li kellha laqgħa fil-post mas-Sur Joseph Borda mill-Ministeru tar-Riżorsi fil-preżenza tas-SE u l-membru tal-Kumitat Maria Vella. F'din il-laqgħa s-Sur Borda wiegħed li se jipprova jara kif jagħmel ċertu xogħol infrastrutturali bżonnjuż mhux biss f'BIĊ iżda anki fil-Magħtab.

9.3. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li min-naħa tal-Ministeru tar-Riżorsi kien hemm impenn li jidħol għall-bini tal-Pjazza u xogħol ieħor fin-naħa tal-gabbana. Dan tal-aħħar jiddependi mill-proġett tat-toroq Ten-T minħabba li parti mill-ġnien ta' Xatt il-Palm kien se jittieħed għal dan il-proġett.

9.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat kien applika għall-inizjattivi sportivi filwaqt li qiegħed jiddiskuti ma' TCTC biex jorganizza korsijiet tal-kompjuter f'BIĊ.

9.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li l-Kumitat jixtieq li jkollu post għal-laqgħat tal-Kumitat.

## 10. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

10.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna għad-9 ta' Novembru fis-7:30pm. Il-ħin kien il-11:10pm.

**Maria F. Deguara** *MD, MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv